*Motivi invokati:* il-Bord tal-Appell wettaq żbalji ta' fatt u ta' liġi (ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 207/2009; ksur tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009).

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2014 – Helbrecht vs UASI – Lenci Calzature(SportEyes)

## (Kawża T-333/14)

(2014/C 235/39)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Andreas Helbrecht (Hilden, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. König, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Lenci Calzature SpA (Turchetto-Montecarlo, l-Italja)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Frar 2014 fil-Każ R 830/2013-5;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u lil Lenci Calzatura SpA, f'każ li hija tintervjeni f'dawn il-proċeduri, għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrent

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "SportEyes" għal prodotti fil-klassi 25 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 504 525

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Lenci Calzature SpA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark figurattiva, li tinkludi l-elementi verbali "EYE SPORT EYE", "EYE fashion EYE" u "EYE", għal prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2014 – Lidl Stiftung vs UASI (Deluxe)

## (Kawża T-344/14)

(2014/C 235/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kefferpütz u A. Wrage, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 1223/2013-1;

— tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1)(b) u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jipprekludux il-publikazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni;

— tirrinvija mill-ġdid l-applikazzjoni Nru 011 427 507 quddiem il-konvenut sabiex jagħti deċiżjoni;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċedimenti ta' appell

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva, li tinkludi l-element verbali "Deluxe", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 29, 30, 31, 32 u 33 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 427 507

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* talba miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2014 – Quanzhou Wouxun Electronics vs UASI – Locura Digital (WOUXUN)**

**(Kawża T-345/14)**

(2014/C 235/41)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Quanzhou Wouxun Electronics Co. Ltd (Quanzhou, iċ-Ċina) (rappreżentanti: A. Sebastião u J. Pimenta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Locura Digital, SL (Granollers, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-17 ta' Frar 2014, fil-Każ R 407/2013-4;

— tordna lill-UASI sabiex jirrifjuta l-għoti tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 10 072 478 "WOXUN" totalment;

— tikkundanna lil Locura Digital, SL sabiex tbati l-ispejjeż tal-kawża

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Locura Digital, SL

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali WOUXUN għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 39 u 42 – Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 10 072 478

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti